TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

(GHAWDEX)

GUDIKATUR DOTTOR KEVIN MOMPALAO LL.D. Atem

Seduta tat-Tlieta, 31 ta' Mejju 2016

Avviz Numru: 15/2016KM

Go Plc

Vs

James Alexander William Burden

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba prezentata fil-hamsa (5) ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016) li permezz tieghu l-kumpanija attrici talbet illi l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' seba' mija u disgha u hamsin Ewro u disgha u erbghin centezmu (€759.49) import ta' servizzi ta' telekommunikazzjoni fil-kont numru 40187218. Dan bl-ispejjes kollha.

Ra illi l-konvenut gie notifikat b'dan l-avviz permezz tal-procedura tal-pubblikazzjoni u affissjoni.

Il-konvenut qatt ma pprezenta risposta jew deher biex jikkontesta t-talba.

Illi fil-mori tal-kawza thallas is-sorte u ddahhlet nota ta' cessjoni fir-rigward tieghu.

Ra u sema l-provi mressqa u ra d-dokumenti esebiti.

Ra d-digrieti kollha tieghu nkluz dak tas-27 ta' Mejju 2016 li permezz tieghu din il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ra l-bqija ta' l-atti.

Ikkonsidra

Illi l-konvenut naqas milli jikkontesta din it-talba. Fil-fatt huwa la prezenta risposta fiz-zmien li trid il-ligi u lanqas qatt deher quddiem it-tribunal sabiex jikkontesta t-talba. In-notifika tal-konvenut saret permezz tal-pubblikazzjoni u ta' l-affissjoni. L-estratt ta' dan l-avviz gie ippublikat fil-gazzetta tal-gvern kif ukoll fil-gurnali 'The Times of Malta' u 'L-Orrizzont'. Saret ukoll l-affissjoni kif titlob il-ligi.

Illi fil-mori tal-kawza l-konvenut hallas is-sorte.

Illi fis-seduta tas-27 ta' Mejju 2016, it-Tribunal sema' lir-rapprezentant tal-kumpanija attrici tikkonferma illi sa dik id-data kien thallas is-sorte izda mhux l-ispejjes. Intalbet decizjoni fuq il-kap ta' l-ispejjes.

Il-hlas tal-mertu fil-mori tal-kawza huwa minnu innifsu ammissjoni tat-talba minghajr kundizzjoni. Ghalhekk dan it-tribunal jemmen illi l-konvenut ghandu jkun ikkundannat ihallas l-ispejjes kollha kif mitlub. Din it-talba qatt ma giet opposta b'xi mod.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta u jiddecidi din il-kawza billi filwaqt li jastjeni min li jiehu konjizzjoni tal-mertu, jilqa' t-talbiet attrici fir-rigward tal-kap ta' l-ispejjes u jikkundanna lil konvenut ihallas l-istess.

(ft.) Dr. Kevin Mompalao
Gudikant

(ft.) Diane Farrugia
Deputat Registratur

Vera kopja

D/Registratur